MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 47/2004

**Awtorita' tad-Djar**

**Vs**

**James Alexander u Yvette konjugi Casha**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-Awtorita' attrici ippremettiet illi l-Awtorita' tad-Djar permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-nutar Sandro Schembri Adami ta' l-10 ta' Dicembru, 1998 ghamlet konvenju mal-konvenuti li permezz tieghu l-konvenuti gew allokati Appartament *numru 4 fi Triq Cassarino Bugibba.* Dokument A huwa kopja tal-kuntratt.

Ippremettiet illi l-istess att sar u gie accettat skond il-kundizzjonijiet fl-Avviz tal-Gvern 61/1997 liema kondizzjonijiet jiffurmaw parti ntegrali mill-ftehim (Dokument B);

Ippremettiet illi skond din l-iskema (fl-avviz legali numru wiehed u sittin 61 ta' l-1997) klawsola numru 2 tghid:

*"Kull beneficjarju (hlief fil-kaz ta' koppja gharajjes u ta' applikant li kienu jghixu ma' terzi persuni) li fid-data ta' l-applikazzjoni tieghu taht dan l-avviz kien jokkupa fond (a) huwa obbligat u jobbliga ruhu illi fi zmien sena w tlett xhur mid-data ta' l-allokazzjoni taht dan l-avviz jaghti l-pussess vakanti tal-fond lid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali jekk hemm appositu ordni ta' rekwizizzjoni jekk huma proprjeta' tal-Gvern jew mikrija mill-Gvern, ta' l-Awtorita' tad-Djar, ta' Korpi Parastatali, tal-Joint Office jew ta' xi Awtorita' ohra, sabiex il-fond jigi uzat skond il-policy tad-Dipartiment u (b) huwa obbligat u jobbliga ruhu wkoll illi ma japplikax ghad-dekontroll tal-fond minnu okkupat. F'kaz illi xi beneficjarju jonqos milli josserva dan l-obbligu l-att ta' l-allokazzjoni tigi xolt ipso jure u l-beneficjarju ma jkollu ebda dritt ghal kumpens ta' benefikati li jkun ghamel fil-fond u jkollu jirrifondi wkoll kull sussidju li jkun ha taht dan l-avviz jew mod iehor in konnessjoni mal-fond in kwistjoni".*

Ippremettiet illi l-konvenuti obbligaw ruhhom li jaghtu lid-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Socjali c-cwievet tal-fond fejn kienu qeghdin jghixu meta applikaw u *cioe' numru 6 Qrejzu Street Birkirkara* (Dokument C);

Ippremettiet illi fil-fatt fuq il-fond *6 Qrejzu Street Birkirkara* kien inhareg ordni ta' rekwizizzjoni numru 30141;

Ippremettiet illi skond l-istess skema fuq indikata *"l-att ta' l-akkwist jigi xolt ipso jure f'kaz li l-beneficjarju u l-aventi kawza tieghu, skond ma jkun il-kaz, ma jkollu ebda dritt ghal kumpens ta' benefikati li jkun ghamel fil-fond u jkollu jirrifondi wkoll kull sussidju li jkun ha taht dan l-avviz jew mod iehor in konnessjoni mal-fond in kwistjoni".*

Ippremettiet illi l-konvenuti naqsu li jaghtu lid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali c-cwievet tal-fond *6 Qrejzu Street Birkirkara* kif kienu obbligati jaghmlu;

Ippremettiet illi l-konvenuti baqghu inadempjenti minkejja ittra ufficcjali tad-9 ta’ Settembru 2003 (Dokument D) u minkejja diversi interpellazzjonijiet ohra maghmula bl-istess ghan;

Ippremettiet illi l-konvenuti nghataw sussidju ammontanti ghal sebat elef disa’ mija w ghaxar liri Maltin (Lm 7.910), kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni;

Ippremettiet illi l-konvenuti okkupaw l-imsemmi fond li huma hadu permezz tal-konvenju fuq indikat u jinhtieg li jhallsu tal-okkupazzjoni taghhom;

Ippremettiet illi l-atturi jigi li ghandhom jiehdu somma minghand il-konvenuti sabiex tirraprezenta hlas ghall-okkupazzjoni li huma ghamlu tal-fond in kwistjoni – somma ghalhekk li ukoll tirraprezenta danni sofferti mill-atturi permezz ta’ din l-okkupazzjoni;

Talbet lill-konvenuti sabiex jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex;

1. Tiddikjara l-konvenuti kisru l-kundizzjonijiet tal-att tal-konvenju tal-10 ta’ Dicembru, 1998 fl-atti tan-nutar Sandro Schembri Adami u ta’ l-iskema mahruga fil-gazzetta tal-Gvern tas-26 ta’ Novembru, 1997 Avviz Legali 61/1997 u kisru wkoll l-obbligu assunt minnhom fl-iskrittura tal-11 ta’ Mejju, 1998.

2. Tordna li l-allokazzjoni rizultanti mill-att tal-konvenju tal-10 ta’ Dicembru, 1998 fl-atti tan-nutar Sandro Schembri Adami tigi xolta b’dan li l-konvenuti ma jkollhom ebda dritt ghal kumpens ghall-benefikati li jkunu ghamlu fil-fond u ghal dan il-ghan il-Qorti ghandha tahtar Nutar u kuraturi deputati biex jidhru ghal kontumaci jew l-assenti u ghandha tiffissa lok, jum u hin sabiex issir u jigi pubblikat l-att necessarju.

3. Tordna lill-konvenuti sabiex ihallsu lura lill-atturi s-somma ta’ sebat elef disa’ mija w ghaxar liri Maltin (Lm 7,910) rapprezentanti sussidju li hadu taht l-istess avviz.

4. Tordna lill-konvenuti jizgumbraw mill-fond in kwistjoni u *cioe’ Appartament 4 fi Triq Cassarino, Bugibba* u dan fi zmien qasir u perentorju fissat minn dina l-Onorabbli Qorti.

5. Tillikwida l-ammont dovut lill-atturi ghall-okkupazzjoni li l-konvenuti ghamlu tal-fond li hadu.

6. Tordna u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi dak l-ammont kif likwidat fil-hames talba.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali tad-9 ta’ Settembru, 2003 u tal-mandati ta’ qbid u ta’ sekwestru prezentati kontestwalment.

Il-konvenuti huma ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta’ l-Awtorita’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta’ l-Awtorita’ attrici;

Semghet l-Avukat ta’ l-Awtorita’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet kollha ta’ l-Awtorita’ attrici kif dedotti fic-citazzjoni, tordna, b’effett ta’ din is-sentenza, it-thassir u r-rexissjoni tal-konvenju tal-10 ta’ Dicembru, 1998, u x-xoljiment tal-allokazzjoni rizultanti b’dan il-konvenju, u ghal fini tar-raba’

talba tiffissa terminu ta’ tlett gimghat mil-lum biex il-konvenuti jizgumbraw mill-Appartament *4, fi Triq Cassarino, Bugibba,* u ghal fini tal-hames u sitt talbiet, tillikwida l-ammont dovut ghall-okkupazzjoni li l-konvenuti ghamlu tal-fond in kwistjoni, fl-ammont ta’ elfejn u erba’ mitt lira Maltin (Lm 2,400), u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu wkoll (oltre s-somma ta’ seba’ t’elef disa mija u ghaxar liri (Lm7,910) a tenur tat-tielet talba), is-somma ta’ elfejn u erba’ mitt lira Maltin (Lm 2,400) in linea ta’ danni ghal okkupazzjoni.
L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuti

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------